MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 23/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta' Frar 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fis-7 ta' Lulju tas-sena elf disgha mija u tlieta w disghin (1993) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal, Elvyra u Harley;

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta' vjolenza fizika u morali fuq l-attrici u fuq uliedhom, theddid, offizi gravi u adulterju

fil-konfront ta’ l-attrici u peress illi ghalhekk giet reza impossibbli l-hajja konjugali bejniethom;

Illi l-konvenut sal-lum il-gurnata gia huwa missier ta’ zewgt it-tfal ohra li twieldu minn zewg nisa’ differenti u mhux mill-attrici;

Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili li jgib in-numru 84/2002 kif ukoll permezz ta’ digriet aktar recenti bin-numru 1972/03 (kopji annessi u mmarkati bhala Dok. “EC 1” u “EC 2”);

Illi ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandiex;

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Casha minhabba vjolenza fizika u morali, theddid, offizi gravi u adulterju li l-istess konvenut ikkommetta kontra martu;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Elvyra u Harley f’idejn l-attrici;

3. Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment tal-attrici u ghall-manteniment u l-edukazzjoni tal-ulied minuri u tordna sabiex is-somma tithallas mill-konvenut;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu ta’ manteniment;

5. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, *occorrendo* billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

6. Tillikwida l-assi parafernali ta’ l-attrici u tassenja l-istess assi lill-attrici;

7. Tiddikjara li l-attrici ghandha d-dritt li tirrisjedi flimkien ma wiedha minuri fid-dar konjugali u cioe’ fil-fond numru Flat 4, Millenia Flat, Cassarino Road, Bugibba;

8. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**;

9. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjomha xebba Attard;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol. 10 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet nota guramentata moghti lill-attrici fil-5 ta’ Mejju 2004 fejn gie mitluba telenka fil-qasir il-pretenzjonijiet taghha, bin-notifika tal-kontroparti li wkoll permezz ta’ nota guramentata kellu jindika fejn ma jaqbilx ma’ l-istess u wkoll l-pretensjonijiet minn naha tieghu.

Rat id-digriet tal-affidavit tal-partijiet moghti wkoll fil-5 ta’ Mejju 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attrici terminu ta’ tletin (30) gurnata sabiex tipprezenta l-provi kollha li tista’ permezz tal-procedura tal-affidavit u giet nominata bhala Perit Legali Dr. Irene Bonello LL.D, kollox kif indikat fl-istess digriet a fol. 16 sa 18 tal-process.

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza fit-3 ta’ Gunju 2004 (*a tergo* ta’ fol. 23 u fol. 24 tal-process) izda ma pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u baqa’ kontumaci.

Rat in-nota tal-attrici **A** datata 4 ta’ Gunju 2004, li permezz taghha pprezentat l-affidavits **taghha stess**, ta’ huha **Jesmond Attard** u ommha **Theresa Attard** kollox minn fol. 26 sa fol. 58;

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Irene Bonello LL.D. datat 7 ta' Ottubru 2004 a fol. 64 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tawtorizza li l-attrici tigi notifikata wara l-hinijiet legali;

Rat id-digriet datat 8 ta' Ottubru 2004 fejn il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia laqghet it-talbiet tal-perit legali u awtorizzatha taghddi ghar-rapport;

Rat il-verbal datat 23 ta' Novembru 2004 a fol. 68 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Irene Bonello LL.D. datati 23 ta' Lulju 2004 u 15 ta' Settembru 2004 u d-dokumenti hemm esebiti kollox a fol. 69 sa fol. 85 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 15 ta' Settembru 2004.

Rat il-verbal datat 20 ta' April 2005 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport. Dr. Joanna Vella Cuschieri ghall-attrici irrimettiet ruhha ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostakolo* ghas-26 ta' Ottubru 2005;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Irene Bonello pprezentata fil-25 ta' Novembru 2005 u mahlufa fl-20 ta' April 2005 kollox minn fol. 88 sa fol. 105 tal-process.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## <u>II KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-attrici w uliedha minuri kienu vittmi tal-vjolenza fisika u morali, tat-theddid u ta' l-offizi gravi ezercitata fil-konfront taghhom mill-konvenut. Dan jirrizulta kemm min-nota guramentata ta' l-attrici u mill-affidavit ta' l-**attrici** kkorroborat minn huha **Jesmond Attard** u minn ommha **Theresa Attard**.

Illi apparti dan, l-istess xhieda attrici hija wkoll ikkorroborata u kkonfermata f'dik li hija anke vjolenza fisika u morali subita minnha u minn uliedha u kommessa fuqha mill-konvenut anke permezz tax-xhieda ta' P.S. 455 Emanuel Sammut fis-seduta tat-23 ta' Lulju, 2004 fejn gew ukoll esebiti fotokopji awtentikati tar-rapport numru 9/V/2092/2001 (Dok. "ES1") skond liema rapport jirrizulta li l-konvenut fil-21 ta' Gunju, 2001 kien ammetta li sawwat lill-attrici; barra minn dan hemm is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 12 ta' Novembru 2002 fejn il-konvenut kien instab hati li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq l-attrici u binhom Harley Davidson fil-21 ta' Gunju 2001 u wkoll li hedded severament lil martu b'sikkina.

Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi prodotti li l-istess konvenut b'mod ghal kollox konsistenti sawwat u haqar lill-martu kwazi b'kull mod immaginabbli w ir-rakkonti ta' l-attrici a fol. 30 tal-process huma tassew impressjonanti u wkoll jindikaw il-mod estrem u vjolenti li l-istess konvenut kien jagixxi fil-konfront ta' martu u ta' wliedu; jidher li l-attrici w uliedha ftit sabu protezzjoni mill-Awtoritajiet anke meta l-istess attrici b'disprament irrikorriet ghalihom u fil-fatt l-istess attrici kienet kostretta tghix ma' uliedha f'kaz ta' biza' kontinwa, u certament li dan il-kaz ghandu jkun ezempju haj u car li ghad hemm bzonn hafna x'isir sabiex is-socjeta` hawn Malta toffri protezzjoni lin-nisa u tfal vittma tal-vjolenza u dan b'mod konkret u tempestiv. Certament l-eventwali promulgazzjoni tal-ligi dwar il-vjolenza domestika hija pass fid-direzzjoni t-tajba pero` din il-Qorti thoss li xorta wahda l-istrutturi necessarja sabiex effettivament il-vittmi ta' l-istess vjolenza jkollhom wens u refugju ghadhom ma humiex adatti sabiex ilahhqu mal-bzonn u mad-domanda li qed sfortunatament dejjem tikber.

Illi apparti dan din il-Qorti thoss ukoll li l-allegazzjoni ta' adulterju fil-konfront tal-konvenut giet ippruvata tant li l-attrici tghid li l-istess konvenut sahanistra kellu wild minn zewg nisa ohra differenti – dan ma gie bl-ebda mod kontradett bl-ebda prova ohra u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milquha kollox kif

propost; din il-Qorti tinnota wkoll li l-konvenut naqas anke fil-mori tal-kawza sabiex imantni lil uliedu u dan wkoll jimmilita kontra l-konvenut.

Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici bi dritt ta' access b'supervizzjoni minn *social worker* ta' l-Agenzija Appogg ta' darba fil-gimgha ghal siegha wahda f'gurnata li tigi ffissata mill-istess Agenzija Appogg u notifikata lill-partijiet, kollox a spejjez ta' l-istess konvenut. Fuq l-inqas sinjal ta' agir aggressiv u vjolenti mill-konvenut l-access hawn indikat ghandu jitwaqqaf immedjatament mis-*social workers* ta' l-Agenzija Appogg u din il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess *Chief Exexutive Officer* ta' l-Agenzija Appogg u l-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi dwar il-fond matrimonjali Millennia, Flat 4, Cassarino Street, Bugibba, din il-Qorti tordna li l-istess fond ghandu jigi assenjat lill-attrici bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-konvenut, u wkoll bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16** ukoll kontra l-konvenut, b'dan ghalhekk li sehem il-konvenut mill-istess fond u kull dritt li ghandu fuq l-istess qed jigi permezz ta' din id-decizjoni trasferit lill-attrici, b'dan ghalhekk li l-istess attrici ghandha b'effett mid-data ta' din is-sentenza tigi kkonsidrata bhala unika proprjetarja ta' l-istess b'dan li kull dejn mal-Bank li hemm fuq l-istess fond ghandu jithallas mill-attrici u wkoll li t-trasferiment ta' sehem il-konvenut mill-istess fond lill-attrici qed isir *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment ta' l-attrici u ta' uliedha kontra l-istess konvenut, inkluz ghas-*saldo* ta' kull dritt ta' l-attrici w uliedha ghall-arretati ta' manteniment (inkluz dak b'effett tad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 16 ta' Dicembru 2003 moghti mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi bir-rata mensili ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar, anke peress li jidher car li l-konvenut dejjem irrezista li jhallas manteniment lill-attrici u lil uliedu.

Illi *in vista* ta' dan din il-Qorti tordna li l-konvenut johrog u jizgombra ruhu mill-istess fond fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza u wkoll abbazi ta' l-**artikolu**

**55A tal-Kap 16** tawtorizza lill-attrici u lil uliedha sabiex jghixu b'mod esklussiv fl-istess fond fuq imsemmi bl-esklussjoni tal-konvenut, u dan b'effett mit-terminu ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u din il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-Kummissarju tal-Pulizija u lir-Registratur tal-Qorti, b'mod li l-attrici jkollha l-assistenza kollha necessarja sabiex dan kollu jsehh kif hawn ordnat.

Illi dwar mobbli l-konvenut qed jigi assenjat it-*television* tal-marka Seleco, *television* iehor, *video* u *stereo*, u l-oggetti tal-kcina li jistghu jinqalghu bla ma jitkissru, il-vettura tal-marka Toyota Starlet Reg. No. BAP 485 b'kull dejn ezistenti fuq l-istess vettura ta' cirka hames mitt lira Maltin (Lm500) w interessi relattivi, ir-rikavat mill-bejgh tal-mutur *scrambler* u tal-van Marina blu (li gew mibjugha mill-konvenut, liema rikavat baqa' fil-pussess tal-konvenut) u l-kontijiet kollha tad-dawl, ilma u kera ta' *meter* ta' l-istess servizzi, u telefon u *cable television* li kien hemm u ghad hemm fil-fond imobbli fuq indikat u dan sad-data meta l-istess fond jigi effettivament zgumbrat mill-istess konvenut abbazi ta' din is-sentenza u jigi wkoll indikat li dawn il-mobbli kollha jinsabu llum attwalment fil-pussess tal-konvenut.

Illi l-mobbli l-ohra li jinsabu kollha fil-fond immobiljari fuq imsemmi ghandhom jigu kkonsenjati mill-konvenut lill-attrici, inkluz il-*main bedroom* li hija parafernali ghall-attrici u s-sufan u *spare bedroom* tat-tfal, *fridge* u *cooker* li thallsu mill-flus ta' l-attrici w allura huma taghha anke b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** li qed jigi applikat fl-intier tieghu fil-konfront tal-konvenut.

Illi kull parti ghandha zzomm id-deheb w oggetti prezzjuzi li attwalment jinsabu fil-pussess ta' kull parti w in generali kull parti ghandha thallas kull dejn iehor li tkun ghamlet, jekk tali dejn ma giex specifikatament indikat u provdut dwaru f'din id-decizjoni.

Illi t-tmien u d-disa' talba attrici ghandhom ukoll jigu milqugha dejjem fil-kuntest u sakemm mhux kontrastanti

b'xi mod ma dak hawn deciz u allura applikabbli sakemm l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn premess.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** pero` biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Casha minhabba eccessi, mohqrija sevizzi nkluza vjolenza fizika u morali, theddid, u offizi gravi w adulterju kommessi mill-konvenut fuq martu u wliedu li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Elvyra u Harley f'idejn l-attrici bi dritt ta' access b'supervizzjoni minn *social worker* ta' l-Agenzija Appogg ta' darba fil-gimgha ghal siegha wahda f'gurnata li tigi ffissata mill-istess Agenzija Appogg u dan fil-bini ta' l-Agenzija Appogg u l-gurnata u l-hin hekk maghzula ghandhom jigu notifikati mill-istess Agenzija Appogg lill-partijiet, kollox a spejjez ta' l-istess konvenut. Din il-Qorti tordna li fuq l-inqas sinjal ta' agir aggressiv u vjolenti mill-konvenut l-access hawn indikat ghandu jitwaqqaf immedjatament mis-*social worker/s* ta' l-Agenzija Appogg u din il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess *Chief Executive Officer* ta' l-Agenzija Appogg u l-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-Qorti tordna wkoll li kopja legali ta' din is-sentenza tigi komunikata formalment lir-Registratur tal-Qorti u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

3. Din il-Qorti tiddikjara li l-attrici u wliedha ghandhom dritt ta' manteniment minghand il-konvenut, pero` tali dritt ser jigi saldat abbazi ta' dak li din il-Qorti ser tipprovdi abbazi ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16** u dan anke abbazi ta' dak li ser jigi deciz f'din is-sentenza abbazi u per konsegwenza tal-hames talba tac-citazzjoni attrici, u dan anke peress li l-konvenut wera li huwa ma kienx propens li jhallas manteniment.

4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu ta' manteniment u wkoll din il-Qorti qed tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** b'dan li d-data relattiva ghall-applikazzjoni ta' l-istess artikolu ghandha tkun dik tad-9 ta' Ottubru 2001.

5. Tilqa' din it-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u dan b'effett mid-9 ta' Ottubru 2001 u ghal dik li hija d-divizzjoni u l-assenjazzjoni ta' l-istess u minhabba dak kollu li rrizulta f'din id-decizjoni u dak kollu fuq premess u deciz, din il-Qorti tordna li l-fond Millennia, Flat 4, Cassarino Street, Bugibba, jigi assenjat kollu u b'titolu ta' proprjeta` lill-attrici u dan anke bl-applikazzjoni in kwantu relavanti ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-konvenut, u wkoll ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16** ukoll kontra l-konvenut, b'dan ghalhekk li sehem il-konvenut mill-istess fond u kull dritt li ghandu jew setgha kellu l-istess konvenut fuq l-istess fond, qed jigi permezz ta' din id-decizjoni trasferit u assenjat lill-attrici, b'dan ghalhekk li l-istess attrici ghandha b'effett mid-data ta' din is-sentenza tigi kkonsidrata bhala unika proprjetarja ta' l-istess immobbli b'dan pero` li fl-ewwel lok kull dejn mal-Bank li hemm fuq l-istess fond ghandu jithallas mill-attrici u fit-tieni lok li dan t-trasferiment u l-assenjazzjoni ta' sehem il-konvenut mill-istess fond lill-attrici qed isir *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment ta' l-attrici u ta' uliedha kontra l-istess konvenut, inkluz ghas-saldo ta' kull dritt ta' l-attrici w uliedha ghall-arretrati ta' manteniment (inkluz dak ezistenti b'effett tad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 16 ta' Dicembru 2003 moghti mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi bir-rata mensili ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar) u wkoll in sodisfazzjon ta' dak mitlub fit-tielet talba attrici.

Illi *in vista* ta' dan din il-Qorti tordna wkoll li l-konvenut johrog u jizgombra ruhu mill-istess fond fi zmien tletin gurnata (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza u wkoll abbazi ta' l-**artikolu 55A tal-Kap 16** tawtorizza lill-attrici u lil uliedha sabiex jghixu b'mod esklussiv fl-istess fond fuq imsemmi bl-esklussjoni tal-konvenut u dan b'effett mit-terminu ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza,

u din il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-Kummissarju tal-Pulizija u lir-Registratur tal-Qorti, b'mod li l-attrici jkollha l-assistenza kollha necessarja sabiex dan kollu jsehh kif hawn ordnat.

Illi dwar mobbli l-konvenut qed jigi assenjat it-*television* tal-marka Seleco, *television* iehor, *video* u *stereo*, u l-oggetti tal-kcina li jistghu jinqalghu bla ma jitkissru, il-vettura tal-marka Toyota Starlet Reg. No. BAP 485 b'kull dejn ezistenti fuq l-istess vettura ta' cirka hames mitt lira Maltin (Lm500) u interessi relattivi, ir-rikavat mill-bejgh tal-mutur *scrambler* u tal-van Marina blu (li gew mibjugha mill-konvenut, liema rikavat baqa' fil-pussess tal-konvenut) u l-kontijiet kollha tad-dawl, ilma u kera ta' meter ta' l-istess servizzi, u telefon u *cable television* li kien hemm u ghad hemm fil-fond immobbli fuq indikat u dan sad-data meta l-istess fond jigi effettivament zgumbrat mill-istess konvenut abbazi ta' din is-sentenza u jigi wkoll indikat li dawn il-mobbli kollha jinsabu llum attwalment fil-pussess tal-konvenut.

Illi l-mobbli l-ohra li jinsabu kollha fil-fond immobiljari fuq imsemmi ghandhom jigu kkonsenjati mill-konvenut lill-attrici, inkluz il-*main bedroom* li hija parafernali ghall-attrici u s-sufan u *spare bedroom* tat-tfal, *fridge* u *cooker* li thallsu mill-flus ta' l-attrici w allura huma taghha anke b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** li qed jigi applikat fl-intier tieghu fil-konfront tal-konvenut. Illi ghalhekk l-istess mobbli qed jigu permezz ta' din is-sentenza effettivament assenjati lill-attrici.

Illi kull parti ghandha zzomm id-deheb w oggetti prezzjuzi li attwalment jinsab fil-pussess ta' kull parti w in generali kull parti ghandha thallas kull dejn iehor li tkun ghamlet, jekk tali dejn ma giex specifikatament indikat u provdut dwaru f'din id-decizjoni.

6. Tilqa' din it-talba fil-kuntest tal-mobbli li gew gja indikati konsegwenti ghall-hames talba tac-citazzjoni attrici u tordna lill-konvenut jassenja l-istess lill-attrici.

7. Tiddikjara li l-attrici ghandha d-dritt li tirrisjedi flimkien ma wliedha minuri fid-dar konjugali u cioe` fil-fond numru Flat 4, Millenia Flat, Cassarino Road, Bugibba kollox fil-kuntest ta' dak hawn deciz u okkorrendo bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 55A tal-Kap 16**;

8. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** u dan fl-intier taghhom u fil-kuntest ta' dak hawn deciz;

9. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjomha xebba Attard;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM----------------------------------